MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2413/2002

**Marketing and Consultancy Limited**

**Vs**

**Aden Import and Export Limited**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' tmien mija sebgha u hamsin lira Maltin wiehed u sittin centezmu (Lm857.61) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm711 (seba mija u hdax il-liri Maltin) prezz ta' akkomodazzjoni moghti lill-familja Wajdi S.A. Attemzeeni a spejjez tas-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess u in kwantu ghall-ammont ta' Lm146.61 (mija u sitta u erbghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) l-imghax fuq l-istess ammont mid-data meta dan gie dovut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra uficjali datata Lulju 2002, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma prezentatx risposta

Sema' lil Avv Dr Charisse Ellul tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadhu dovut

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmin mija seba u hamsin Lira u wiehed u sittin centezmu (Lm857.61) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------